MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 55/2004

**Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex**

**vs**

**John Vella f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' G.V. Gozo Developments Ltd u b'digriet tal-4 ta' Frar 2005 Francis u Angolina konjugi Attard, l-istess Francis Attard oltre li f'ismu proprju jidher ukoll bhala mandatarju ta' l-imsiefer Anthony Attard u Salvina Pace gew ammessi fil-kawza *in statu et terminis*.**

**Sentenza fuq proceduri ta' disprezz.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-27 ta' Mejju 2004 l-attrici talbet lill-Qorti sabiex il-konvenuti jigu ddikjarati li huma hatja ta' disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti ghal finijiet tat-

Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex tikkundannahom ghall-pieni li huma preskritti mil-ligi.

It-talbiet tal-attrici huma bbazati fuq dawn il-premessi:-

Illi l-konvenut gie mizmum f’ismu proprju kif ukoll f’isem is-socjeta’ konvenuta permezz ta’ digriet provizorju tat-18 ta’ April 1999 milli jidhol, jaccedi jew jaghmel kwalunkwe xogholijiet fl-art maghrufa bhala ta’ Skarsu, accessibbli minn Triq l-Arcipriet Cassar kif ukoll minn Triq Hamsin, Xewkija u dana wara li gie pprezentat il-mandat ta’ inibizzjoni numru 47/1999.

Illi d-digriet provizorju gie sussegwentement ikkonfermat b’digriet iehor moghti fit-8 ta’ Gunju 1999. Madankollu, skond l-attrici l-konvenut wettaq xogholijiet fis-sit oggett tal-inibizzjoni u dan bi ksur tal-ordni moghti mill-Qorti. Permezz ta’ digriet moghti fl-4 ta’ Marzu 2003, il-Qorti ordnat li jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti a kura tar-Registratur tal-Qorti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentatafit-23 ta’ Gunju 2004[1], li permezz taghha l-konvenuti eccepew:-

1. Illi t-talbiet tar-Registratur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi l-konvenut ma ghamel ebda xogholijiet bi ksur tat-termini tal-mandat numru 47/99, u ghaldaqstant ma jhoss li kkometta ebda disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti.

3. Illi fi kwalunkwe kaz wara li gie milqugh il-mandat, il-parti li giet esproprijata ghall-formazzjoni tat-triq ma baqghetx tappartjeni aktar lil Francis Attard u ohrajn li fuq talba taghhom inhareg il-mandat numru 47/99, u l-art intiza ghall-formazzjoni tat-triq saret pubblika u mhux aktar appartenenti lilhom, u ghaldaqstant irid jigi ccarat u ppruvat jekk bix-xogholijiet li allegatament saru, dejjem

[1] Fol. 8.

jekk dawn sarux mill-eccipjenti, sarux fi proprjeta’ li baqghet privata u li ma saritx pubblika.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 47/99 fl-ismijiet **Francis Attard proprio et nomine et vs John Vella et**.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Il-konvenut kellu permess ta’ zvilupp (numru 717/1997) sabiex jibni erbgha garaxxijiet u erbgha flats. Il-permess ta’ zvilupp igib id-data tal-25 ta’ Settembru 1997[2]. Fl-20 ta’ Jannar 1999 saret spezzjoni fuq is-sit. Skond il-kondizzjonijiet tal-permess li nghata, il-konvenut kellu jiftah triq li tizbokka fuq Triq Arcipriet Guzepp Grech. Sa dakinhar li mar fuq is-sit l-ufficjal tal-MEPA, din it-triq kienet ghadha ma nfethitx. Ghalhekk inhareg Avviz ta’ Twaqqif u Twettiq kontra l-konvenut (numru ECF54/99). Permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Jannar 1999, l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar baghatet tgharraf lill-konvenut li kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-permess u li kien inhareg *Stop and Enforcement Notice*.

(b) Fit-30 ta’ Marzu 1999 gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Vincent Miceli bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u l-konvenut ghan-nom ta’ G.V. Gozo Developments Company Ltd. In forza ta’ dan il-kuntratt il-kumpannija hallset bil-quddiem lill-Kummissarju tal-Artijiet il-valur tal-art.

(c) Fis-16 ta’ April 1999, Francis Attard, Anthony Attard, Angiolina Attard u Salvina Pace pprezentaw rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni u li permezz tieghu talbu li l-

[2] Xhieda ta’ Joseph Cassar, *enforcement officer* mal-MEPA (seduta tat-30 ta’ Marzu 2007).

intimati jigu inibiti milli personalment jew permezz ta’ terzi, *“tidhlu, taccedu jew taghmlu kwalsiasi xogholijiet ikunu ta’ liema natura jkunu f’diversi porzjonijiet ta’ art appartenenti lir-rikorrenti”* fl-inhawi maghrufa ta’ Skarsu, Xewkija, Ghawdex.

(d) It-talba tar-rikorrenti giet milqugha provizorjament permezz ta’ digriet moghti fis-16 ta’ April 1999 fis-sens li *“… l-intimati ghandhom jieqfu mix-xogholijiet lamentati fir-rikors, u dana provizorjament sakemm jinghata digriet finali”*.

(e) Sussegwentement permezz ta’ digriet moghti fit-8 ta’ Gunju 1999, it-talba tar-rikorrenti giet milqugha.

(f) Fil-15 ta’ Ottubru 1999 sar rapport mal-pulizija li l-konvenut kien qieghed jaghmel xoghol fuq l-art tar-rikorrenti permezz ta’ gaffa. Fir-rapport tal-pulizija jinghad li:- *“when the police were spoken to by Dr. Monica Vella LLD and her brother the said John Vella 31 years s/o Carmel and Margaret nee Azzopardi b/Xaghra on the 22/1/68 res. at plot 53 ta’ Gokk H.O.S. Xewkija Holder of I.D. no. 3468G on behalf of G.V. Gozo Developments Company Ltd, they stated that the Court order was no longer in effect since the property in question did no longer belong to complainants. Here they maintained that the property in question was acquisitioned by the Govt and published on the Malta Government Gazette on the 7/10/1999. Apart from this they also claimed that they had bought the land in question from the Govt. on the 30/3/1999 for the sum of Lm7085 in order to open the road in question as per copy of deed which is also herby attached. Vella also added that he was in possession of the relative P.A.P.B. permits and that he entrusted a certain Franky Xuereb of St. Mary Hse Cordina Street Ghajnsielem Holder of I.D. No. 20078G to do the job for him which was eventually verified by the police”*.

(g) Fid-19 ta’ Ottubru 1999 ir-rikorrenti pprezentaw rikors u talbu lill-Qorti, fost’affarijet ohra, sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti biex jiehu passi kontra l-konvenuti

ghall-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghaliex naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-digriet moghti mill-Qorti.

(h) Fl-10 ta' Novembru 1999 id-Dipartiment tal-Artijiet baghat ittra lil GV Gozo Development Co Ltd li biha gharrafha li setghet tidhol fil-pussess tal-art li kienet giet esproprijata u tibda x-xoghol biex tinfetah it-triq[3]. Skond xhieda moghtija minn Albert Mamo[4] sa dakinhar li kien qieghed jixhed kien ghadu ma ntalabx biex jaghti l-awtorizazzjoni sabiex jidhlu fuq l-art li kienet giet esproprijata.

(i) Fit-30 ta' Novembru 1999 regghet saret *site inspection* u dakinhar l-ufficjal tal-MEPA stabbilixxa li t-triq kienet infethet sas-sit. Dakinhar stess gie rtirat l-Avviz.

(j) Fl-4 ta' Marzu 2003 il-Qorti ordnat li l-attrici tibda proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha fil-konfront tal-konvenuti[5].

(k) Il-konvenut John Vella huwa direttur tal-kumpannija G.V. Gozo Developments Company Limited.

2. F'proceduri ta' din in-natura, il-principji generali huma s-segwenti:-

(a) *"Wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita' li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat"* (**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Lugia**

[3] *"in terms of Section 12(3) of the Land Acquisition Ordinance (Chapter 88) you are hereby authorised to enter upon the plot of land at Xewkija Gozo shown on L.D. 172/98, which have been declared required for a public purpose in virtue of the attached Government Notice No. 734 published on 7 October 1999, and to carry out thereon such works as are necessarily in accordance with the Notarial deed signed by you and the Acting Commissioner of Land on 30 March 1999".*

[4] 5 ta' Novembru 1999 (fol. 64).

[5] Fol. 178-180 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru:- 47/1999.

**Saliba** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6] fis-7 ta' Mejju 2001).

(b) "**Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru *et***", Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Frar 1997 illi *"l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill- Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq minn jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti."*.

(c) *"min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b' mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti ... L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jezigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet"* (**Vol.XXIX P II p 1023; Edward Camilleri *nomine* –vs- Carmelo Vella**, Appell, 7 ta' Ottubru 1997).

(d) *"Ordni tal-Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javvera ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li jagixxi skond dik l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha. ("**Edward Camilleri noe -vs- Carmelo Vella**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). L-interess socjali u l-bon ordni pubbliku jesigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet"* (**Vol. XXIX P II p 1023**)" (**Oliver Agius noe vs Joseph Gatt** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002).

3. Il-Qorti ghalhekk ghandha tiddecidi jekk il-konvenuti obdewx l-ordni moghtija mill-Qorti. Jinghad li fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-art minn fejn il-konvenut ghadda t-triq giet esproprijata mill-Gvern, ma jfissirx b'daqshekk li l-ordni moghtija mill-Qorti giet fix-xejn. F'dak l-istadju l-konvenut messu xorta rrikorra quddiem il-Qorti sabiex id-digriet

[6] Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.

moghti fit-8 ta' Gunju 1999 jigi revokat u jistenna sakemm ikun hemm ordni tal-Qorti qabel jidhol fuq l-art. Mentri fir-realta' l-konvenut injora ghal kollox l-ordni moghtija mill-Qorti u jidher li bbaza fuq l-esproprijazzjoni tal-art. L-ordni tal-Qorti ma ngabitx fix-xejn bil-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni presidenzjali fil-Gazzetta tal-Gvern[7]. Sahansitra, fil-kawza **Edward Camilleri *nomine* –vs- Carmelo Vella"**, Appell, 7 ta' Ottubru 1997 gie deciz illi anke fejn ordni giet sussegwentement dikjarata nulla, kien hemm xorta disprezz. Kontra min tinghata l-ordni ghandu joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha sakemm tali ordni tibqa' fis-sehh. Inoltre, il-kuntratt li gie ppubblikat fit-30 ta' Marzu 1999 bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u G.V. Gozo Developments Company Ltd (rapprezentata mill-konvenut John Vella) fil-fehma tal-Qorti m'ghandu l-ebda rilevanza in kwantu dan mhu xejn ghajr ftehim li bih il-kumpannija obbligat ruhha li tiftah triq. Tant hu hekk li sa dakinhar kienet ghadha lanqas biss giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta a tenur tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ghalkemm fis-seduta tal-20 ta' April 2007 il-konvenut xehed li huwa ma dahalx fuq l-art ta' Salvina Pace, madankollu ammetta li dahal fuq l-art ta' Attard ghalkemm isostni li dan ma sarx fil-perjodu li kien fis-sehh il-mandat. Ikkonferma wkoll li ma' ta' Attard kien lahaq ftehim bonarju, kif wara kollox kien diga' ddikjara Francis Attard meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Frar 2007[8]. Il-Qorti ma tarax li hu daqstant rilevanti jekk ix-xoghol sarx fuq l-art ta' Attard, ta' Pace jew fit-tnejn u wisq anqas il-fatt li sussegwentement kien intlahaq ftehim bonarju ma' ta' Attard. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' *viva voce* x-xhieda moghtija minn Guzeppa Pace, Francis Attard u l-konvenut John Vella u tqies li l-verzjoni moghtija mill-ewwel tnejn hija iktar kredibbli u verosimili. Bla dubju f'wahda mill-artijiet sar xoghol mill-konvenut meta kien hemm id-divjet tal-Qorti. Ir-rapport imhejji mill-Maggur Frank Gauci[9] huwa prova ta' dan kif wara kollox hija wkoll

---

[7] Pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Ottubru, 1999.
[8] Fol. 24.
[9] Xehed fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007.

ix-xhieda moghtija minn Francis Attard fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni. Meta xehed il-Maggur Frank Gauci fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, ix-xhud rega' kkonferma li *"x'hin kellimt lil Vella huma qaluli li l-ghalqa kienet rekwizizzjonata (*prezumibilment ix-xhud ried ighid esproprijata) *mill-Gvern u giet murija fil-Gazzetta tal-Gvern fis-sebgha (7) ta' Ottubru ta' dik is-sena u barra minn hekk huma kienu xtaw l-ghalqa minghand il-Gvern ghas-somma ta' sebat elef u hamsa u tmenin lira (Lm7,085)"*. Mill-provi rrizulta li *a tempo vergine* l-konvenut ma kienx qieghed jikkontesta li ghamel xoghol fl-art milquta mill-mandat ta' inibizzjoni, u l-uniku oggezzjoni li ressaq kienet li l-art kienet giet esproprijata mill-Gvern u li kien ghamel ftehim mal-Gvern. Il-Maggur Gauci kkonferma wkoll li meta nizel fuq il-post, sab li kien sar xoghol fl-ghalqa li r-rikorrenti kienu qeghdin ighidu li hija taghhom[10]. Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 47/99 hemm ukoll ix-xhieda ta' Mark Cini[11] (seduta tal-5 ta' Novembru 1999) li kkonferma li tlett gimghat qabel *"il-post fejn hi proposta t-triq kien ghadu ghelieqi u hitan"*[12]. Il-Qorti lanqas m'ghandha xi dubju li x-xogholijiet saru fuq art li kienet milquta mill-mandat ta' inibizzjoni numru 47/99. Xoghol li sar minkejja l-fatt li fis-seduta tat-8 ta' Gunju 1999 kien gie verbalizzat li *"Dr. Monica Vella ghall-intimati tiddikjara illi l-intimati jintrabtu illi ma jaghmlu l-ebda xoghol fil-proprjeta' tar-rikorrenti"*.

5. Illi fir-rigward tal-kumpannija G.V. Gozo Developments Ltd, il-Qorti hija tal-fehma li ma jistghux jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront ta' kumpannija. Il-Qorti taf li hemm gurisprudenza li ammettiet dawn it-tip ta' proceduri fil-konfront ta' kumpanniji[13]. Madankollu f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet:

---

[10] ara xhieda moghtija moghtija fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007.

[11] Ufficjal tal-MEPA.

[12] Fol. 82 fl-atti tal-mandat 47/99 fl-ismijiet **Francis Attard proprio et noe vs John Vella**.

[13] Ara per ezempju sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Raymond Pace) fil-kawzi **Registratur tal-Qrati vs Silvio Camilleri** deciza fis-17 ta' Jannar 2001 u Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Joseph Azzopardi) fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati vs Bristow Potteries Limited** deciza fil-5 ta' April 2006.

**George Demanuele vs Philip Azzopardi et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 1997:-

*"Illi kif gja' kellha l-okkazjoni li tosserrva din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta (ara sentenza in re: Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe, deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta Jannar, l99l, Koll. Vol. LXXV - II - 530), li*

*"...dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali.. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott bic-citazzjoni, cjoe' l-att li ordinarjament jinizja l-kawzi civili, ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f'dan il-kaz m'hijiex hlief it-tahrika ta l-akkuzat biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza (art. 998, Kap l2)."*

*F'dawn il-kazi l-ligi tal-procedura tispecifika l-pieni tac-canfira ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali.*

*8. Jigi rilevat li c-citazzjoni attrici ma gietx istitwita kontra persuni fisici imma kontra persuna legali tramite d-diretturi li legalment jirraprezentawha. L-ewwel Qorti wara li sabet hatja ta disprezz lis-socjeta' konvenuta imbaghad ghaddiet biex tikkundanna liz-zewg diretturi taghha kemm ghall-piena pekunjarja kif ukoll ghall-piena ta' detenzjoni fil-kaz li l-imsemmija socjeta' tibqa ma tghaddix ghad-depozitu ordnat mill-Qorti. Huwa ovvju li persuna legali ma tistax tigi kkudannata ghall-piena ta' detenzjoni u ghalhekk is-sentenza kif moghtija hija nulla. Illi proprjament jidher li l-procedura ta l-attur appellat giet istitwita hazin minn punto di vista ta' dritt il-ghaliex ma messhiex giet istitwita kontra s-socjeta L-istess artikolu 997 tal-kap l2 citat mill-ewwel Qorti bhala l-bazi tal-kundanna minnha inflitta jiddisponi illi:*

*<u>"Kull persuna hatja ta' xi ghemil jew nuqqas</u> mhux imsemmi fl-artikoli ta qabel ta dan it-Titolu, illi jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti. tigi, mill-Imhallef jew Magistrati moghtija l-piena ta' l-ammenda jew tal-multa jew tad-detenzjoni: (sottolinear tal-Qorti).*

*Illi jekk kien hemm xi dubbju dwar min ghandu jirrispondi ghal offizi jew reati ta' indoli kriminali, tali dubbju tnehha in forza ta l-Att VII ta' l975 dwar l-Interpretazzjoni li fl-art. l3 tieghu jistipula li,*

*"Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir min ghaqda jew korp ta' persuni sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-ghaqda jew korp jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga tkun hatja ta dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat"*.

*Dan ifisser li kif gew imharrkin il-konvenuti Philip Azzopardi u Carmelo Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' A and S Holdings Limited ma setghux jigu la kkundannati biex ihallsu l-multa huma u wisq anqas fin-nuqqas li s-socjeta' imsemmija tibqa' inadempejnti, jintbaghtu detenzjoni. L-indoli tal-procedura kienet wahda tali li tirrikjedi li l-persuni responsabbli jkunu gew imharrkin personalment ankorke' relativament ghal agir jew operat maghmul taht l-isem is-socjeta' li taghhom huma kienu d-diretturi. Illi ghalhekk is-sentenza appellata ghandha tigi revokata ghaliex qeghda tinfliggi kundanna fuq persuni li m'humiex parti fl-istess kawza f'isimhom proprju”*

Il-Qorti ccitat estensivament minn din is-sentenza ghaliex taghti spjegazzjoni cara u skjetta tal-interpretazzjoni li fil-fehma ta’ din il-Qorti hija korretta u li ghandha tigi applikata f’kazijiet ta’ din in-natura. Fic-cirkostanzi, kull kumment iehor ikun superfluwu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta limitatament in kwantu t-talbiet huma ndirizzati fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront ta' John Vella, u tilqa' t-talbiet tal-attrici fil-konfront tal-konvenut John Vella personalment fis-sens li:-

(a) Tiddikjara li l-konvenut John Vella huwa hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

(b) Tikkundanna lill-konvenut ihallas multa ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400), liema ammont ghandu jithallas fir-Registru tal-Qorti fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum.

Spejjez a karigu tal-konvenut John Vella b'dan li l-ispejjez tal-intervenuti fil-kawza jibqghu a karigu taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------